**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**OMISSIS**

Numru: 54/2015

Illum 31 ta' Mejju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **OMISSIS**, akkuzat talli matul ix-xahar ta' Dicembru 2014 u kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa l-Munxar, Ghawdex u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. B'eghmil zieni kkorrompa lit-tifla tieghu OMISSIS ta' 13-il sena liema delitt huwa aggravat minhabba li sehh minn axxendent;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali mal-istess tifla OMISSIS;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess tifla OMISSIS, liema delitt huwa aggravat minhabba li sehh minn axxendent;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil OMISSIS kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

5. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lit-tifla tieghu OMISSIS b'mod li kienet jaf jew kien messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess;

6. U aktar talli nhar l-14 ta' Marzu 2015 u kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Munxar, Ghawdex hebb u kif ukoll ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-mara tieghu OMISSIS;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija OMISSIS, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' OMISSIS u OMISSIS ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 234) datata 27 ta' Gunju 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat OMISSIS biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikoli 17, 31, 412C, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 18, 203(1)(c), 197(4) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 18, 204C(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikoli 18, 207, 202(b), 202(g), 202(h)(iii), 202(j) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 18, 86, 87(1)(g) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) Fl-Artikolu 251A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 235) gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 ta' Gunju 2016, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2017 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi d-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fid-9 ta' Mejju 2017.
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

L-imputat kellu problema serja ta' dipendenza fuq l-alkohol. Meta kien jixrob kien isir aggressiv u xi minn daqqiet anke vjolenti. It-tifla l-kbira tieghu OMISSIS, anke minhabba l-età delikata taghha,

giet trawmatizzata bil-fatt li l-familja taghha kienet ghaddejja minn zmien difficli minhabba l-problemi ta' missierha.

F'Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2014) l-imputat, flimkien mal-familja tieghu u koppja ohra, kien mar jiccelebra gheluq snin OMISSIS gewwa farmhouse. Matul il-lejl l-imputat u t-tifla tieghu kienu reqdin hdejn xulxin u f'hin minnhom l-imputat qam u sab idu fuq sider it-tifla. L-imputat inhasad u qam minn fuq is-sodda u mar jorqod fuq is-sufan.

Ftit zmien wara, OMISSIS kienet presenti waqt incident meta l-imputat refa' jdejh fuq ommha minhabba li kien xurban. Ftit wara, waqt li kienet qed tara l-ahbarjiet, hadet spunt mill-incident ta' Settembru u ddecidiet tiehu r-riedni f'idejha u ssolvi darba ghal dejjem din il-problema li tant kienet qed tinkwetaha.

OMISSIS marret ghand counsellor u qaltilha b'dak li effettivament kien gara dakinhar tal-holma u zejnet l-istorja b'episodji fantomatici ta' abbuz. Fis-sitwazzjoni dahlu l-Appogg u eventwalment anke l-Pulizija. Il-Pulizija infurmat lill-Magistrat Inkwirenti u saret inkjesta magisterjali. Waqt din l-inkjesta OMISSIS irrepetiet l-istorja, b'xi varjazzjonijiet, li kienet qalet lill-counsellor u konsegwenza ta' dan l-imputat tressaq il-Qorti akkuzat kif premess.

L-imputat kien gie originarjament akkuzat bl-akkuzi kontemplati fl-artikoli 339(1)(d) u 221 tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' martu. Fix-xhieda li OMISSIS tat fis-6 ta' Jannar, 2016, hija ddikjarat li

kienet qed tahfer lill-zewgha l-imputat. A parti minn hekk, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, l-Avukat Generali rrinunzja ghal dawn l-imputazzjoni.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in*

*the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz instemghu tlettax (13)-il xhud:

PS342 Johan Said (a fol. 23 et seq.), WPC133 Althea Sammut (a fol. 32), Maureen Vella (a fol. 45 et seq.), Alicia Cauchi nee' Scerri (a fol. 52 et seq.), Ruth Stafrace (a fol. 57 et seq.), PS1407 Frank Portelli (a fol. 168 et seq.), Spettur Frank A. Tabone (a fol. 172 et seq.), OMISSIS (a fol. 180 et seq.), OMISSIS (a fol. 187 et seq.) – *Video Conferencing*, Anton Mizzi (a fol. 211), Christine Xerri (a fol. 225 et seq.), l-imputat OMISSIS (a fol. 237 et seq.) u Noel Xerri (a fol. 242 et seq.).

**L-effett tal-vjolenza domestika fuq it-tfal**

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport ippubblikat mill-Family Court of Australia dwar l-effett tal-vjolenza domestika fuq it-tfal:

> *Children of all ages have been found to have more problems when they have been exposed to family violence, particularly coercive and controlling family violence.*
>
> *Research has consistently found that children who are exposed to family violence have higher levels of emotional and behavioural problems than children who have not. Children who are in violent homes are also at a greater risk of physical abuse or having their physical and emotional needs neglected.*

*Younger children are more vulnerable than older children because they are with their parents more frequently, and are more dependent on their parents for care and protection. Teenagers exposed to family violence may be more aggressive to their parents and other acquaintances and constantly be at greater risk of retaliation.*

*Children exposed to family violence are at greater risk of:*

- *having difficulties controlling their emotions*
- *developing depression or antisocial problems such as delinquency or violent behaviours, particularly as teenagers*
- *developing poor relationships with both parents*
- *developing poor reading and language skills, and*
- *having difficulties making and maintaining friendships.*

*When family violence is combined with other problems, such as drug and alcohol abuse and mental health concerns, children are at even greater risk of developing emotional, behavioural, social and educational problems.*[2]

**Abbuzi Sesswali fuq it-tfal**

L-organizzazzjoni Ingliza li tohloq kuxjenza favur il-harsien tat-tfal ***Kidscape*** taghti linja gwida fejn wiehed jista' jissuspetta li tfal ikunu abbuzati.

[2] Hardesty, J., Haselschwerdt, M. & Johnson, M. (2012) Domestic Violence and Child Custody, Chapter 13, in K. Kuehnle & L. Drozd Eds. Parenting Plan Evaluations: Applied research for the Family Court, Oxford University Press, New York

***<u>When should you suspect a child is being abused?</u>***

*There are many different signs of possible child abuse and these include:*

- *Bruises or burns in unusual places.*
- *Changes in the behaviour of a child such as being aggressive or very withdrawn.*
- *Unexplained changes in their emotions such as being depressed or anxious.*
- *Looking as though they are not being properly looked after, such as being unusually dirty, smelly or hungry.*
- *Having sexual knowledge or behaviour that is not appropriate for their age.*
- *Being afraid of a particular adult or reluctant to be alone with them.*

***Physical abuse***

*When the child is physically harmed, such as hitting, shaking, throwing, poisoning, burning or scalding, drowning or suffocating.*

***Sexual abuse***

*Sexual abuse involves forcing or encouraging the child or young person to take part in sexual activities, including prostitution, whether or not the child is aware of what is happening. This may*

*include sexual contact or non-contact activities, such as involving children in looking at, or in the making of, sexual images, watching sexual activities, or encouraging a child to behave in sexually inappropriate ways*[3].

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara kif il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fl-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-27 ta' Gunju 2016.

**Reat ta' Korruzzjoni ta' minorenni taht l-Artikolu 203(1)**

Illi l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18 u 203(1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali.

Ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni huwa ipotizzat fl-Artikolu 203 li jipprovdi hekk:

*"kull min, b'egħmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-eta, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati ...*

Is-sub-artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe':

a. jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;

[3] https://www.kidscape.org.uk/professionals/childabuse.shtml

b. jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
c. jekk id-delitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew izommu.

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu **Notes on Criminal Law**, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta' tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax-il sena;

2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;

3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Il-Professur Mamo jirrittjeni li:

> *"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime... In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example because he or she was to some degree already depraved-whoever has*

*to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 1975 fl-ismijiet Il-**Pulizija v George Portelli** gie ritenut li l-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia' milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih il-persuna giet korrotta.

Fis-sentenza **Pulizija vs Andrew Bonnici**, deciza fit- 23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi:

*"Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvillup fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita morali tal-minorenni."*

In kwantu jirrigwarda dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Thomas Wiffen**' dwar l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioe' s-segwenti:-

*"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*

*"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine). Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare*

*siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement*

*may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- forexample, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

L-artikolu 202 tal-Kap 9 jelenka diversi cirkostanzi aggravati fosthom artikolu 202(b) - meta d-delitt isir minn axxendent, tutur jew istitutur fuq persuna taht it-tmintax il-sena.

**Attentat Vjolent ghall-Pudur**

Ir-reat ta' attentat ghall-pudur bil-vjolenza, kontemplat fl-Artikolu 207 jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jehel....."*

Illi dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti tal-Appelli Kriminali tghallem li:

"L-attentat vjolenti ghall-pudur - il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghall-pudur, hu kostitwit minn *tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato".*

Kif gie imfisser fis-senteza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet il-**Pulizija vs Gerald Cassar**[4]**:**

*"l-attentat vjolent ghall-pudur jew oltragg vjolent ghall-pudur hu kostitwit minn dawk l-atti impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-Artikoli qabel dak numru 207 tal-Kodici Kriminali.*

[4] 18 ta' Lulju 1959

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Micallef**[5], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

*"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1955, fl-ismijiet Il-* ***Pulizija vs. Kelinu Mifsud*** *(Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur" (p. 933).*

Il-Carrara jindirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-**Carrara** jistaqsi:

*"Vi fu violenza nell'atto?*
*Vi fu scopo di libidine?*
*Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*
*Ove ricorrono queste tre condizioni, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore."*[6]

L-**Archbold** jispjega hekk:

*A person (A) commits an offence if –*

[5] Deciza fit-13 ta' Novembru 1998
[6] Carrara Vol. 2 Pagna 392, kwotata minn decizjoni tal-Imhallef W. Harding moghtija nhar 12 ta' Marzu 1960 fil-kawza *il-Pulizija vs Spiru Silvio.*

*(a) he intentionally touches another person (B),*

*(b) the touching is sexual,*

*(c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*[7]

Skond l-artikolu 207, dan l-attentat vjolent "fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu [inkluz naturalment l-artikolu 198]".

Illi skond gurisprudenza kostanti fil-kaz ta' dan ir-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur, hemm sitwazzjonijiet varji ta' atti libidinuzi li jistghu jikkostitwixxu l-element materjali. Dawn jistghu jkunu jvarjaw minn semplici bewsa mhux mixtieqa fuq il-haddejn tal-vittma, jew xi tokkata fugaci u momentanja fuq xi parti erogeneja tal-gisem minn fuq il-hwejjeg, ghall-atti vjolenti li jirrazentaw l-elementi kostituttivi tar-reat ferm aktar gravi ta' tentattiv ta' stupru vjolent kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali.

L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "*touching*" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:

*"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*

*[…]*

[7] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923

*In H. [2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*

*Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37.*[8]

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gide Idris Mahder***[9] taghmel referenza dwar dan.

*Illi minn dawn il-fatti kif fuq esposti jidher li l-kaz kien jipprezenta l-estremi tal-elementi materjali kostituttivi tar-reat ta' tentattiv ta' attentat vjolent ghall-pudur jekk mhux ukoll u sahansitra , fil-fehma ta' din il-Qorti , <u>r-reat kompjut ta' "violent</u>*

[8] Pg. 923
[9] Deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fil-5 ta' Gunju 2006

*indecent assault"* *u addirittura anki dawk tar-reat ferm aktar gravi ta' tentattiv ta' stupru vjolent. Din il-Qorti tinsab mistifikata kif il-Pulizija ma akkuzatx lill-appellat b'dan ir-reat aktar serju w akkuzatu biss b'tentattiv ta' reat ferm inqas gravi. L-ispjegazzjoni hi fl-ewwel lok li l-Pulizija kkonfondiet id-dicitura ta' "attentat" vjolent ghall-pudur liema reat bl-ingliz hu maghruf bhala "violent indecent assault" mal-koncett generali ta' tentattiv ta' reat, kif provvdut fl-artikolu 41 tal-Kap.9.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gaetano Spiteri*** *(16.10.1968)*, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghall-Carrara li, wara li jiddeskrivi l-att impudiku bhala *"uno di quegli atti che la coscienza universale considera oltraggiosi al pudore"* u jaghti bhala ezempju *"le mani sulle parti"*, izid ighid li dana *"e` un atto che oltraggia"*. Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali l-istess awtur jghid: *"Non e` la causa che spinse ad agire che determina ma la produzione del risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui mediante un atto diretto a tale scopo"*.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Attard et.*** *(24.06.1972)*, il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll ghamlet referenza ghall-Carrara li jispjega li dan ir-reat jikkomprendi dawk l-atti impudici kollha, kommessi fuq persuna kontra l-volonta` taghha, li la jkunu konsumativi ta' delitt iehor u lanqas principju ta' esekuzzjoni tieghu kostitwenti tentativ punibbli, imma atti preparatori, ossia, kif isejhulhom awturi ohra, atti li jippreludu ghall-estenwazzjoni tal-

libidini (ara is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. George Debono*** *(27.10.1945 – Kollez. XXXII.iv.938)*).

**Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-Avukat Generali indika wkoll li tista' tinstab htija taht l-Artikolu 204C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-imputat jinsab akkuzat li ppartecipa f'attivita' sesswali mal-minuri.

**Sekwestru**

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi ghad-delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi li sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi li:

> "*Kull min bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata.*"

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-Artikoli rilevanti ghal dan il-kaz huma tnejn - ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista' jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta'

sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-Titolu tat-Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - L-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal-Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*' [ara Il-**Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1990.]

Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhall-Artikolu 86 taghna[10] billi jghid:

> "*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.*"

Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale[11] jghid:

> "*le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente*

[10] Fol 112 paragrafu 788 Vol II.
[11] Ed. 1977 pg 134

*sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :

"*che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*".

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Andrew Bonnici** huwa li bniedem irid ikun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Dwar ir-reat ta' sekwestru aggravat kontemplat fl-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Debono*** *(12.02.2009),* ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Denis Pandolfino et.*** *(19.10.2006)*. F'dak il-kaz kien hemm akkuza ta' arrest illegali oltre akkuza ta' stupru u meta l-ufficcjal investigattiv giet mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, din kienet irrispondiet li dik l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali maghhom. Il-Qorti kienet irriteniet li:

*"…dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element ta' l-akkuza ta' stupru vjolent … jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru "per se". Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu mmobilizzar ta' persuna minn persuna ohra."*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario Ellul***[12] il-Qorti rriteniet illi:

*"L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jsir kontra l-volontà tal-persuna sekwestrata."*

Fuq l-ewwel element, dak ta' sekwestru ta' persuna l-Qrati irritenew li:

*"L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil- fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza."*[13]

Il-Qrati Maltin meta trattaw l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali hafna drabi harsu lejn il-prova medika bhala prova determinanti biex jigi

[12]***Il-Pulizija vs Mario Ellul***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-7 ta' Jannar, 2010.
[13]***Il-Pulizija vs Dabia Abdul Baset***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati, nhar is-17 ta' Awwissu, 2005

stabbilit jew jissusistix l-istess reat.[14]

**Artikolu 251 tal-Kap 9**

Illi, b'riferenza ghar-reat ta' fastidju, il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

> "Fl-Appell Kriminali Il-**Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:
>
> "Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz '*Harassment*') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie

[14]*Ibid*; ***Il-Pulizija vs Ommissis***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-1 ta' Settembru, 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici***, deciza mill-Qorti Kriminali, per Imh. Dr. J Galea Debono nhar il-5 ta' Jannar, 2004 Numru 13/2002; ***Il-Pulizija Vs Mario Ellul,*** deciza nhar is-7 ta' Jannar, 2010; ***Il-Pulizija vs Russell Attard*** deciza nhar id-9 ta' Lulju, 2001.

ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-**Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".

[...]

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz '*harassment*') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lill-persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgha' ('*alarming*') jew idejjaq ('*causing...distress*') lill-persuna.

> [...]
>
> Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ('*alarming the person or causing the person distress'* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti tinnota li l-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-*Protection of Harassment Act 1997* li jibda bil-kelmiet: *'A person must not pursue a course of conduct'* li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'.

Skont l-Archbold: *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'*. (**Lau v DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose*

*had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 130(c) is even more clearly objective:* ***R v Colohan****".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza bl-ismijiet Il-**Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed** deciza fis-16 ta' Dicembru 2016 (Appell Nru: 145/2016) fejn rega' gie affermat li biex jirrizulta r-reat taht l-Artikolu 251B(1) irid ikun hemm tal-anqas zewg okkazzjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju.

**Evalwazzjoni tal-provi**

Certament ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[15]. U kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph**

[15] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

**Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*"[16].

Il-kwistjoni kollha hi wahda ta' kredibilita`. Il-Qorti tinnota li a bazi tal-provi prodotti u, senjatament, ic-cahda tal-imputat *a tempo vergine* meta gie mitkellem mill-Pulizija dwar ir-rapport, ic-cahda kategorika tieghu meta xehed quddiem din il-Qorti u x-xhieda tal-minuri quddiem din il-Qorti fejn spjegat ic-cirkostanzi li wassluha biex tohloq storja fuq missierha, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-imputat u l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm 'il boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali.

**KONKLUZZJONI**

Il-Qorti kellha cans tisma' x-xhieda ta' OMISSIS u x-xiehda ta' missierha l-imputat. L-imputat spjega li kellu problema kbira ta' alkoholizmu. Meta l-affarjiet ipprecipitaw fil-vjolenza msemmija kontra l-mara tieghu u wasslu ghall-allegazzjonijiet li ghamlet bintu, l-imputat induna li kien wasal iz-zmien biex jindirizza darba ghal dejjem din is-sitwazzjoni gravi. Infatti f'Mejju tas-sena elfejn u

[16] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

hamsa (2015) huwa beda jattendi l-OASI minhabba d-dipendenza tieghu fuq l-alkohol. Minn dak iz-zmien huwa qata' x-xorb u ghadu jattendi ghat-terapija sal-gurnata tallum kif ikkonferma x-xhud Noel Xerri[17].

Il-Qorti tinnota li l-alkohol huwa sustanza soċjalment aċċettata minn diversi kulturi, u f'Malta u Ghawdex xejn inqas.

F'hafna okkazjonijiet, il-konsum tal-alkohol jitqies bhala mod ta' ċelebrazzjoni. Imma fl-istess hin ftit inqisu kemm l-alkohol, anki f'dawn l-okkazjonijiet ta' ferh, jista' johloq perikli.

Wiehed mill-perikli komuni meta xi hadd jixrob b'mod eċċessiv huwa li, iktar iva milli le, il-persuna ma tkunx fi stat li tkun taf meta ghandha tieqaf, l-imputat kien ezempju car ta' dan.

Ir-rizultat ikun minghajr ma l-persuna tkun qed tirrealizza, il-gisem jikkonsma ammont kbir ta' alkohol f'hin qasir u jsarraf f'imgieba aggressiva u vjolenti.

L-imputat fehem darba ghal dejjem li l-alkohol jaffettwa l-memorja, il-konċentrazzjoni, il-prestazzjoni u l-imgieba, u jwassal ghal esperjenzi li wara wiehed jista' jiddispjaċih li jkun ghamilhom.

Il-Qorti ma taqbilx mal-ghazla ta' OMISSIS li taghmel l-allegazzjonijiet li ghamlet fuq missierha bil-ghan li jindirizza l-

[17] Seduta tas-7 ta' Frar, 2017

problema serja li huwa kellu. Certament ma kinitx wahda rakkomandabbli in kwantu wasslet ghall-proceduri kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll quddiem din il-Qorti.

Mill-banda l-ohra, jekk wiehed ihares lejn il-pozittiv anke fil-hazin, OMISSIS lahqet l-iskop taghha li tara lill-missierha jaghmel hiltu sabiex jindirizza u jeghleb il-problema genetika tieghu bil-konsegwenza li l-familja taghha llum qed tghix f'armonija li kienet ilha zmien ma tara.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni tal-ismijiet kollha jigifieri tal-imputat, tal-omm u tat-tifla fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

____________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**